MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2011

Numru. 64/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs.**

**Clayton Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Clayton Borg ta’ 24 sena, iben Carmel u Linda nee Wallace, imwieled Pieta fil-5 ta’ Settembru 1983, residenti 50 Flat 2 “Sunshine”, Triq J. Catania, Msida, detentur tal-karta ta’ l-Identita numru 443483(M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fit-12 ta’ Dicembru 2005 u fix-xhur ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer:

(a) minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtara jew irceva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kien jaf li l-istess biljetti tal-flus kienu falsifikati ai termini ta’ l-artikolu 46 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(b) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba biex f’kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li rat li fis-seduta tas-7 ta’ Jannar 2011, l-ufficjal prosekutur, ivverbalizza li b’riferenza ghall-akkuzi kontra l-imputat, wara li ha parir minghand l-Avukat Generali, huwa kien jinsab f’pozizzjoni li jirtira l-akkuza (a) li temani mill-Kap 204 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-kontront ta’ l-imputat.

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata

mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni (b) migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija, u li l-fedina penali tieghu m'hix wahda allarmanti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artkoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel imputazzjoni (a), issib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni (b) migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' Probation hawn anness, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------